MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 782/2006

**BANK OF VALLETTA plc**

**vs**

**Dr. Mark BUSUTTIL u P.L Liliana BUHAGIAR li b'degriet tat-18 ta' Ottubru, 2006 ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita ġjacenti ta' Emmanuel CHIRCOP u Lydia CHRICOP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-21 t'Awwissu 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra is-soċjeta' rikorrenti talbet li l-Qorti terġa tagħmel eżekuttiva s-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet "Rudolph Xuereb noe vs. Emmanuel Chircop" (Ċitazz. Nru. 906/92AM) u dan billi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kuraturi Deputati biex jidhru għall-wirt battal ta' Emmanuel Chircop fl-14 ta' Novembru, 2006;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Lydia Chircop fil-25 ta' Settembru, 2006;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u ddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Rat in-Nota ta' Ċessjoni mressqa mill-Bank rikorrent fil-25 ta' Jannar, 2007, fil-konfront tal-intimata Lydia Chircop;

Billi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata, tilqa' t-talbiet tal-istess Bank rikorrenti fil-konfront tal-wirt battal ta' Emmanuel Chircop; u tastjeni milli tqis aktar it-talba fil-konfront tal-intimata Lydia Chircop.

Bl-ispejjeż kontra l-wirt battal intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------